MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 274/2012

**AV**
**Vs.**
**BC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elf elf disgħa mija ħamsa u disgħin (1995) (Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Antoine Agius mis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija tmienja u disgħin (1998) (Ara Dok B anness.)
Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment

separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabiet ma' persuni ohrajn.

Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-Artikolu numru sebħa (7) tal-imsemmi kuntratt.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elf elf disgħa mija ħamsa u disgħin (1995)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-fatti imsemmija fir-Rikors promotorju tar-rikorrenti Carren Azzopardi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju taz-zwieg tal-partijiet skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta : huma ilhom isseparati ghal 14 il-sena, ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment ghax kienu irrinunzjaw reciprokament li jircievu manteniment minghand xulxin, u illum it-tnejn li huma ghandhom hajja ghalihom bla ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni;

Ghaldaqstant l-esponent ma jopponix ghall-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-22 ta' Lulju 1995;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Mejju 1998;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta’ manteniment minghand xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------